MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 441/2008

**A B**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**
**C D**
**E F**
**Dr Martin Fenech u P.L. Louisa Tufigno b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2008 gew nominati kuraturi deputati u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2009 l-kuraturi deputati gew estromessi mill-kaz stante li giet nominata C D bhala kuratrici biex tirraprezenta lill-minuri G F.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn dan ippremetta:

Illi fis-17 ta' Gunju 2000 twieled G F kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid (Dok A).

Illi omm il-minuri C D hija mart E F pero' minnu legalment separata permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Gunju 2004 (Dok B).

Illi fl-imsemmi certifikat tat-twelid il-konvenut E F huwa mnizzel bhala l-missier naturali tat-tifla minuri imsemmija u dan minhabba l-presunzjoni li min jitwieled fiz-zwieg hu presunt li hu wild il-konjugi.

Illi, kif ser jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' din il-kawza, il-missier naturali tal-minuri imsemmija huwa l-attur.

Ghaldaqstant, jghidu l-konvenuti ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi illi l-konvenut E F m'huwiex il-missier naturali tal-konvenut minuri G F u pero' tiddikjara illi l-missier naturali taghha huwa l-attur.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid tal-minuri G F billi, f'dik il-parti dedikata ghad-dettalji ta' missier it-tarbija, fejn hemm miktub isem u kunjom missier u t-tarbija, l-isem "E F" jigi sostitwit b' "A B", fejn hemm miktub il-professjoni ta' missier it-tarbija, flok "*omissis*" jitnizzel "*omissis*", fejn hemm miktub fejn twieled, flok "Zejtun" jitnizzel "Valletta"; fejn hemm miktub fejn joqghod flok "Zejtun" jitnizzel "Valletta"; u fejn hemm imnizzel "Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" (missier il-missier tat-tarbija), flok "*omissis* (alive)" jitnizzel "*omissis* (dead)".

Bl-ispejjez u l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-10 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu gew nominati Dr. Martin Fenech u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-minuri G F.

Rat ir-risposta guramentata tal-imsemmija Kuraturi Deputati fejn dawn eccepew:

Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku fejn dan eccepixxa:

Illi preliminarjament l-esponent fil-mertu mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici neccessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu, il-kliem "*the said*" ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm.

Illi r-rikorrent ghandu jipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimati C D u E F.

Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Atti tat-Twelid mhux attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-digriet tad-19 ta' Jannar 2009 li permezz tieghu gew estromessi l-kuraturi deputati u minflok assumiet ir-rapprezentanza tal-minuri l-omm C D.

Rat id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat li ghalkemm debitament notifikati kemm C D kif ukoll E F ma ressqu ebda risposta ghall-kawza.

Rat id-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhud prodott.

Rat l-affidavit kollha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tiddikjara li l-minuri G F li twieled fis-17 ta' Gunju 2000, huwa iben naturali tieghu u mhux iben il-konvenut E F.

E F huwa r-ragel tal-intimata C D. Jirrizulta mill-provi prodotti li huma infirdu de facto fl-1997, filwaqt li ffirmaw kuntratt ta'separazzjoni fis-sena 2004. Il-minuri twieled fis-sena 2000, minn relazzjoni li l-omm kienet bdiet sena qabel mar-rikorrent A B. Dan kollu huwa konfermat mid-diversi affidavit tal-partijiet.

Jirrizulta ukoll xjentifikament pruvat illi r-rikorrent A B huwa l-missier naturali tal-minuri G, kif konfermat bil-gurament mill-ispizjara li esegwiet l-ezamijiet xjentifici.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara li E F m'huwiex missier naturali ta' G F, u li missier il-minuri huwa A B.

2. Il-Qorti tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, fi zmien hmistax-il gurnata, jeffettwa l-emendi kollha mitluba fit-tieni talba tar-rikorrenti kif ukoll li mill-kolonna li tindika d-dettalji tal-omm ghandhom jithassru l-kliem "*the said*".

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------